



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Jannar 2020
(OR. en)

7142/15
ADD 1 DCL 1

VISA 101
COLAC 29

DEKLASSIFIKAZZJONI¹

tad-dokument:	7142/15 ADD 1 RESTREINT UE/EU RESTRICTED
data:	12 ta' Marzu 2015
status ġdid:	Pubbliku
Suġġett:	ANNESS Direttivi ta' Negożjati għar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.

¹ Dokument deklassifikat mill-Kummissjoni Ewropea fi 15 ta' Jannar 2020



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2015
(OR. en)

7142/15
ADD 1

RESTREINT UE/EU RESTRICTED

VISA 101
COLAC 29

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Marzu 2015
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 119 final ANNEX 1
Suġġett:	ANNESS Direttivi ta' Negożjati għar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill- viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 119 final ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2015) 119 final ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.3.2015
COM(2015) 119 final

ANNEX 1

ANNESS

Direttivi ta' Negozjati

għar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn
qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù**

ANNESS**Direttivi ta' Negojzati****għar-****Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

Matul in-negojzati l-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tilħaq l-oġettivi stabbiliti fid-dettall hawn taħt.

1. SKOP U AMBITU TAL-FTEHIMIET

L-iskop tal-ftehimiet għandu jkun li jistabbilixxu drittijiet u obbligi ċari, mhux ambigwi u vinkolanti li jiżguraw l-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża għal soġġorni qosra kemm għaċ-ċittadini tal-Kolombja u tal-Perù li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri kif ukoll għaċ-ċittadini tal-Istati Membri li jaqsmu l-fruntieri ta' dawn il-pajjiżi.

2. KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI

Il-ftehimiet għandhom jiddefinixxu l-kategoriji taċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini tal-Kolombja u tal-Perù kkonċernati li għandhom jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-viża, jiġifieri d-detenturi ta' passaporti ordinarji u d-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz, uffiċjali u speċjali. Id-dikjarazzjonijiet meħmuża ma' dawn il-ftehimiet għandhom ifakkru l-pjanijiet tal-Kolombja u tal-Perù li jibdwu jorġu passaporti bijometriċi għaċ-ċittadini tagħhom matul is-sena 2015.

Il-ftehimiet għandhom jiddefinixxu l-iskop tas-soġġorn li għalih tiġi stabbilita l-eżenzjoni mill-viża: turiżmu, żjajjar familjari, xogħol eċċ. L-eżenzjoni mill-viża ma għandhiex tapplika għal persuni li jidhru għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 jum sabiex iwettqu attività ekonomika bi qligħ.

Il-ftehimiet għandhom jiddefinixxu wkoll it-tul tas-soġġorn permess skont l-eżenzjoni mill-viża. Fil-każ ta' ċittadin tal-UE, dan għandu jkun 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum fit-territorju tal-Kolombja u l-Perù, u fil-każ taċ-ċittadini Kolombjani u Peruvjani, dan għandu jkun 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum fiż-żona Schengen.

Il-ftehimiet għandhom jipprovdu li, eċċezzjonalment, u għal perjodu tranżizzjonali, is-soġġorn fiż-żona Schengen kopert mill-eżenzjoni mill-viża ta' 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għandu jiġi kkalkulat independentement minn kull soġġorn fi Stat Membru li għadu ma jimplimentax kompletament l-*acquis* ta' Schengen.

Il-ftehimiet għandhom ikunu ċari li l-eżenzjoni mill-viża tapplika indipendentement mill-mezz ta' trasport użat sabiex tinqasam il-fruntiera.

Il-ftehimiet għandhom ikunu ċari li kwistjonijiet barra mill-ambitu tal-ftehimiet ikomplu jkunu rregolati mil-liġi nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni. Dan japplika b'mod partikolari għal kundizzjonijiet oħrajn tad-dħul, rifjuti tad-dħul, estensjoni jew soġġorn ta' aktar minn tliet xhur, eċċ.

3. ĠESTJONI TAL-FTEHIMIET

Il-ftehimiet mal-Kolombja u l-Perù għandu jkollhom dispożizzjoni li tistabbilixxi kumitat ta' esperti. Il-kumitati għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tal-Kolombja u l-Perù rispettivament. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata mill-Kummissjoni.

B'mod partikolari, il-kumitat ta' esperti għandu jkollu l-kompitu li:

- jissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehim; u
- jissuġġerixxi emendi u jżid miegħu.

4. RELAZZJONIJIET MA' FTEHIMIET BILATERALI EŻISTENTI BEJN L-ISTATI MEMBRI U L-KOLOMBJA U L-PERÙ

Kull ftehim għandu jkollu klawnsola li biha, mid-dħul fis-seħħ tiegħu, id-dispożizzjonijiet tiegħu jieħdu preċedenza fuq ftehimiet bilaterali jew id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim jew arranġament bilaterali konkluż bejn l-Istati Membri individwali u l-Kolombja u l-Perù, safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jikkonċernaw kwistjonijiet fi ħdan l-ambitu tal-ftehim.

5. APPLIKAZZJONI TERRITORJALI, DĦUL FIS-SEĦĦ, TUL, SOSPENSJONI U TERMINAZZJONI TAL-FTEHIMIET

Il-ftehimiet għandu jkollhom dispożizzjonijiet relatati mal-applikazzjoni territorjali tagħhom – fil-każ ta' Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi, l-eżenzjoni mill-viża tintitola liċ-ċittadini tal-Kolombja u l-Perù li jibqgħu biss fit-territorji Ewropej ta' daww l-Istati Membri – u d-dħul fis-seħħ u t-tul tagħhom. Dawn għandhom jiġu konklużi għal perjodu indefinit u għandu jkollhom dispożizzjonijiet li jippermettu lil parti kontraenti li tissospendi u/jew ittemm il-ftehim kollu jew parti minnu. Ir-raġunijiet għas-sospensjoni għandhom jinkludu b'mod partikolari t-theddid għall-politika u s-sigurtà pubblika, l-immigrazzjoni irregolari, u l-introduzzjoni mill-ġdid ta' rekwiżit tal-viża minn parti minnhom. Rigward il-kwistjoni speċifika tal-immigrazzjoni irregolari, id-dikjarazzjonijiet meħmuża għandhom ifakkru li skont l-Artikolu 49 (3) tad-Djalogu Politiku u l-Ftehim ta' Kooperazzjoni² bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Komunità Andina u l-pajjiżi membri tagħha, min-naħa l-oħra, il-partijiet jaqblu li jirriammettu il-migranti irregolari tagħhom.

² COM(2003) 695. Il-Ftehim għadu ma daħalx fis-seħħ billi l-UE għadha ma rratifikatux. Madankollu, huwa mistenni li jidħol fis-seħħ matul l-2015.

RESTREINT UE

Il-Kolombja u l-Perù għandhom ikunu intitolati li jissospendu jew itemmu l-ftehim rispettiv tagħhom fir-rigward tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi biss, u mhux fir-rigward ta' Stat Membru wieħed jew aktar individwalment. L-Unjoni għandha tkun intitolata li tissospendi jew ittemm il-ftehimiet fir-rigward tal-Istati Membri kollha biss.

DECLASSIFIED

MT

MT

RESTREINT UE